MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 119/2005/1

**Francesco Camilleri**

**v.**

**Carmelo Muscat**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-23 ta’ Mejju 2008, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell:-

“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:

“Illi l-attur Francesco Camilleri huwa proprjetarju u fil-pussess ta’ diversi appezzamenti ta’ raba formanti parti mit-territorju maghruf “Tal-Lacca” fil-kuntrada omonima “Ta’ San Blas” fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, liema raba huwa accessibbli minn entrata wkoll proprjeta` tal-attur, li tidhol ghaliha minn Triq San Blas, Nadur;

“Illi l-konvenut huwa fil-pussess ta’ porzjon art fl-istess inhawi fuq imsemmija, illum tifforma parti mill-eredita` ta’ Guzepp Buttigieg, li tikkonfina mal-entrata tal-attur min-naha tat-Tramuntana u li hija mifruda mill-entrata permezz ta’ hajt tas-sejjieh li huwa gholi madwar wiehed punt sebgha metri (1.7m);

“Illi fil-bidu ta’ Novembru ta’ din is-sena (2005), u wara li nqalghu xi kwistjonijiet bejn il-partijiet u l-mejjet Guzepp Buttigieg dwar l-access ghar-raba fil-pussess tal-konvenut, il-konvenut intlemah ihott parti minn dan il-hajt tas-sejjieh u wara li gie interpellat mill-attur permezz ta’ ittra ufficjali tat-23 ta’ Novembru 2005, sabiex ma jipprovax jiftah ebda access ghal gol-entrata, il-konvenut kien rega’ intlemah ihott il-hajt tas-sejjieh u konsegwentement ifforma selha fil-hajt mill-ghalqa ghal gol-entrata, u dan kif jirrizulta mir-ritratti annessi u markati A u B, li juru bic-car iz-zewg darbiet li ntmess il-hajt tas-sejjieh mill-konvenut ftit qabel ma giet iffurmata ghal kollox is-selha u meta giet iffurmata s-selha f’dan il-hajt;

“Illi bl-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attur.

“Talab lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara li bl-agir tieghu meta hatt parti mill-hajt tas-sejjieh li jifred il-ghalqa fil-pussess tieghu mill-entrata tal-attur u fforma selha fl-istess hajt biex johloq

access mill-entrata, huwa kkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attur;

“2. Tikkundanna lilu konvenut jispurga dan l-ispll billi jregga’ kollox ghall-istat pristinu tieghu u jibni l-hajt l-imwaqqa’ f’gholi ta’ wiehed punt sebgha metri (1.7m) u dan f’terminu perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

“3. Fin-nuqqas li jaghmel dak li jigi lilu ordnat permezaz tat-tieni talba, tawtorizza lill-attur li jibni l-hajt hu ghas-spejjez tieghu u jekk hemm bzonn tinnomina wkoll ghas-spejjez tieghu perit arkitett sabiex jissorvelja u jidderiegi dawn ix-xoghlijiet.

“Bl-ispejjez kollha nkluzi tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Novembru 2005, debitament innotifikata, kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

“1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur ghaliex fil-kaz odjern jonqsu z-zewg elementi ta’ pussess u ta’ spoll necessarju ghall-ezercizzju b’success ta’ kawza ta’ spoll.

“2. Illi b’mod partikolari mhux minnu illi l-attur huwa proprjetarju, jew fil-pussess tal-entrata illi minnha l-esponenti, u terzi, jaccedu ghall-proprjeta` taghhom.

“3. Illi lanqas huwa minnu illi l-esponenti b’xi mod iddisturba lill-attur fil-pussess ta’ din l-entrata ghaliex l-access tar-raba tal-esponenti kien minn dejjem, u ghadu, minn din l-entrata u minn imkien aktar.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu.

“Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Dicembru 2007 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawza ta’ spoll. Dwar kawza ta’ dan it-tip gie mfisser illi:

*““In tema legali jinghad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta’ utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh; b’mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*““L-Art. 572 (illum 535) tal-Kodicci Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta’ ordni pubbliku, u huwa inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita` privata jaghhmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li, ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista’ jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta’ Awwissu 1879 in re Borboglio v. Fischt, Volum XIII, P.1, pag. 555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma’ dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-Art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta’ spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta’ Marzu 1943, in re “Francesco Mifsud v. Michele Cassar”; Vol. XXI. II. 83 P’Awla Civili, 20 ta’ April 1916, in re ‘Michelina Falzon v. Giuseppe Bonello et.’ konfemata fl-Appell fis-26 ta’ Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta’ Ottubru 1899, in re Decarcano v. Cafici, Foro Catanese*

*Vol. 1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi);…..”.*[1]

“Illi, ghalhekk, kif gie ripetutament imfisser mill-qrati taghna, jenhtiegu tliet elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din:

“(i) li l-attur kellu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga spoljata (*possedisse*);

“(ii) li gie disturbat f’dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

“(iii) li ghamel il-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

*““Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa’ minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra*[2]*.”*

“Dwar din l-azzjoni l-**Mattirolo** jispjega illi:

*““La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e’ una misura di ordine pubblico, e’ un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L’Articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore, la regola* ***“spoliatus ante omnia restituendus***”*. Il perche’ l’azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio,compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario,o di origine illegittima, purche’ pero` abbia il carattere esteriore dell’esercizio di un preteso diritto*[3]*.”*

“Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun tista’ tilqa’ t-talbiet attrici, jrid jigi stabilit jekk fil-kaz in ezami jezistux dawn it-tliet elementi. Mill-provi mressqa rrizulta illi l-attur qed jilmenta minn incident fejn f'zewg okkazjonijiet separati imma qrib xulxin, tnehhew xi gebel minn fuq hajt tas-sejjieh li jifred l-

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim’Awla : 12.4.1958 vol. XLII. . II. 975
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII.I.86
[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed.1902 Torino, para. 271

ghalqa llum proprjeta` tal-konvenut u terzi, minn entrata li taghti ghal raba proprjeta` tal-attur[4].

Nigu ghalhekk minnufih ghall-ezami dwar l-ezistenza o meno tal-elementi rikjesti f'kawza ta' spoll.

“**Il-Pussess:**

“Dwar dan l-element  sabiex tirnexxi kawza ta’ spoll inghad:

*““Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista’ tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta’ kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mil-ligi –“**possession of whatever kind**” – dak li jinteressana f’dal-kaz – tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pera` tezigi dejjem f’dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f’kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix[5].”*

“Fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-attur qed jallega illi din l-entrata hija proprjeta` tieghu u li l-konvenut m'ghandu ebda dritt jaccedi minnha sabiex jidhol fl-ghalqa tieghu, li min-naha tat-Tramunata tikkonfina ma' l-istess entrata. Il-konvenut jikkontesta dan u nfatti pproduca dokumenti konsistenti fi pjanta u f'verbal ta' xhieda f'kawza pendenti quddiem din il-Qorti mas-sittin sena ilu, fejn kien inghad illi minn kien jipposjedi l-ghalqa llum tal-konvenut u ohrajn, kien jaccedi ghal dik l-ghalqa minn din l-entrata[6]. Id-dritt o meno tal-konvenut li juza dan il-passagg biex jidhol ghall-ghalqa tieghu mhux il-mertu tal-kawza odjerna, ghalkemm il-kontendenti donnhom izjed ikkoncentraw fuq din il-kwistjoni bil-provi li ressqu, milli fuq il-mertu proprju tal-kawza odjerna. Li jinteressa l-Qorti f'din il-kawza huwa biss jekk l-attur  ghandux xi tip ta' pussess jew detenzjoni

4 ara ritratt Dokti. A u B esebiti a fol. 5 tal-process, u Dokti. LZ 7 u LZ 8 a fol. 41, 42
5 Fenech v. Zammit gia` citata
6 Dokti. CG 1 u 2  a fol. 55, 56

ta' dan il-passagg kif imfisser hawn fuq, haga li jidher li ghandu.

“**Li Spoll**:

“L-att li minnu qed jilmenta l-attur huwa dak gia` msemmi, u cioe` t-twaqqiegh ta' gebel formanti parti mill-hajt tas-sejjieh li jifred l-ghalqa tal-konvenut mill-passagg imsemmi.

“**Iz-Zmien:**

“Lanqas hu kontestat illi dan ix-xoghol sar f'xi zmien fil-bidu ta' Novembru 2005 u ghalhekk entro t-terminu ta' xahrejn koncess mil-ligi sabiex issir kawza bhal din.

“Madankollu, il-konvenut jichad ghal kollox illi huwa b'xi mod kien involut f'dan li spoll. Ghalhekk huwa ferm importanti f'tali cirkostanzi illi mhux biss jigi determinat jekk jezistux l-elementi normalment rikjesti sabiex tirnexxi kawza bhal din, imma wkoll illi jigi pruvat fil-grad ta' certenza mehtiega f'kawza civili, illi l-konvenut tassew ikkometta dan li spoll jew inkariga lil haddiehor biex iwettqu. Infatti l-ligi taghna tghid b'mod inekwivoku illi din il-kawza trid issir kontra “**l-awtur ta' li spoll**[7]**.”** Gie mghallem a propozitu illi:

*““Giusta l'Art. 695 del nostro codice Civile, (u cioe` l-Kodici Civili Taljan li kien jirreferi ghall-kawza ta' spoll), non si puo' domandare di essere reintegrato nella cosa di cui si e' sofferto lo spoglio se non contro l'autore di esso. Son parole testuali della legge; parole che non possono far sorgere alcuna dubbiezza nella interpretazione del precetto legislattivo*[8]*.”*

“Ma gewx prodotti ebda xhieda okulari tal-incident mertu tal-kawza odjerna. L-iktar li seta' jasal biex jghid l-attur kien illi darba minnhom f'dawk il-granet indikati fic-citazzjoni, lemah lill-konvenut hiereg mill-entrata kmieni

---

[7] Art. 535(I) tal-Kap. 16
[8] Giovanni Lomonaco: Della Distinzione dei Beni e del Possesso - 2da. ed. 1922 pag. 449

filghodu. Hekk ukoll xi ftit granet qabel Louis Zammit, mizzewweg lit-tifla tieghu, kien ra lill-konvenut hiereg mill-istess entrata ghal xi s-sebgha ta' filghodu. Jidher illi huwa semplicement a bazi ta' din il-prezenza tal-konvenut f'dawk l-inhawi, li l-attur qed jitfa' l-htija ghal dak li gara fuq il-konvenut. Huwa jargumenta li l-konvenut biss kellu interess jaghmel hekk, u dan biex isostni l-allegat dritt tieghu li jaccedi ghall-ghalqa tieghu minn dik l-entrata, wara li kien gie mizmum milli jghaddi minn hemm mill-attur.

“Imma l-konvenut, apparti li cahad kategorikament li kien hu li nehha l-gebel minn fuq il-hajt tas-sejjieh li jifred l-ghalqa tieghu mill-entrata, jghid illi ma kellux ghalfejn jaghmel hekk, ghaliex il-hajt tas-sejjiegh in kwistjoni gia` kellu xi gebel nieqes u nfatti f'dik il-parti kien f'forma ta' benniena, biex jippermetti l-dak li jkun li jaqbez minn fuqu u jidhol gewwa fl-ghalqa. Il-ftit gebel li tnehha ma kien ser jaghmillu ebda differenza. F'dan ir-rigward il-konvenut jinsab ukoll ikkorroborat bix-xhieda tal-avukat Carmelo Galea, li nzerta xi ftit jiem qabel kien acceda fuq il-post flimkien mal-konvenut u certu Giusepp Buttigieg, li lilu kienet ghadha tappartjeni l-ghalqa dakinhar. Infatti dottor Galea sostna fl-affidavit tieghu[9], illi huwa f'dak l-access kien innota li parti minn dan il-hajt tas-sejjieh kienet tassew f'forma ta' benniena.

“F'tali cirkostanzi, fejn jezisti dubju serju kemm kien tassew il-konvenut li weqqat l-agir ilmentat mill-attur, il-Qorti ma tistax tkun konvinta illi l-konvenut kien l-awtur ta' dan l-att ta' spoll kontra l-attur u ghalhekk din il-kawza ma tistax tirnexxi.

“Ghal dawn il-motivi, peress illi ma giex pruvat sodisfacentement li l-konvenut wettaq l-ispoll ilmentat mill-attur, tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur.”

**L-appell tal-attur Francesco Camilleri**

[9] a fol. 182 -184

2. L-attur hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Magistrati Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tat-23 ta' Mejju 2008, u interpona dan l-appell minnha permezz ta' rikors datat 2 ta' Gunju 2008. In succint l-aggravji tieghu jistghu jigu sintesizzati hekk: l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghaliex ghalkemm sabet illi l-elementi tal-ispoll kienu gew ippruvati, fil-fehma taghha l-attur ma rnexxilux jipprova li l-ispoll gie kommess mill-konvenut u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici. L-appellant ikompli jelabora li kien hemm bizzejjed indizji cari sabiex l-ewwel Qorti, fuq il-bazi ta' probabbilita`, kellha tasal biex tiddikjara li kien il-konvenut li kkommetta l-ispoll. Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qatt ma cahad li ma kienx hu li nehha l-gebel minn fuq il-hajt u l-kontestazzjoni tieghu kienet li ma jissussistux l-elementi tal-ispoll. Kien biss sussegwentment li beda jichad li huwa kien nehha dawn il-gebel. L-appellant jikkontendi li minn ezami tal-provi, l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt kien il-konvenut li kkommetta l-ispoll. Ghaldaqstant l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' t-talbiet tieghu, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Muscat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellat.

**Risposta tal-konvenut Carmel Muscat**

3. L-appellat Muscat wiegeb li, preliminarjament, is-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata. L-appellat jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti li bhala fatt ma kienx l-konvenut li nehha l-gebel minn fuq il-hajt. L-appellat ikompli li tajjeb li jigi rilevat li din il-kawza ma tirrigwardax access li l-konvenut jezercita mill-passagg jew sqaq fi Triq San Blas, limiti tan-Nadur, Ghawdex, izda tirrigwarda allegazzjoni da parti tal-attur li l-konvenut nehha xi parti minn hajt tas-sejjieh li jifred l-ghalqa tieghu minn mal-entrata msemmija. Fl-esposizzjoni tieghu tal-fatti, l-appellant (skond Muscat) kiteb hafna skorrettezzi li jaghtu stampa falza tal-kwadru tal-fatti. Il-konvenut izid li fil-verita` ma giet iffurmata ebda selha fil-hajt divizorju. Selha normalment tfisser fetha fil-hajt tas-sejjieh li testendi ghal gholi kollu tal-hajt. Mir-

ritratti li gew esebiti jidher bic-car li dak li gara huwa li parti minn dan il-hajt tbaxxa madwar pied jew zewg piedi, izda mhux sal-livell tal-art. L-appellat jissottometti li t-tnehhija ta’ dawn il-gebel hija biss *messa in scena* da parti tal-attur illi ried jinqeda biha f’tentattiv sabiex icahhad lill-konvenut mill-access ghar-raba tieghu.

Fl-ahhar nett, l-appellat jghid ukoll li l-att li wassal ghal din il-kawza lanqas biss jista’ jigi kkonsidrat li jammonta ghal att spoljattiv. Il-hajt ma giex smantellat sal-pedament tieghu, izda giet biss iffurmata qisa benniena. Ghalhekk l-attur ma sofra ebda menomazzjoni fil-pussess da parti tieghu tal-isqaq attigwu ghar-raba tal-konvenut.

**Fatti tal-kawza**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-appell, din il-Qorti thoss li jkun utili li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:-

i) L-attur huwa proprjetarju ta’ bicciet ta’ raba li jiffurmaw parti mit-territorju maghruf bhala “Tal-Lacca” fil-kuntrada ta’ San Blas, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, liema raba hu accessibli minn entrata jew sqaq li tidhol ghalih minn Triq San Blas;

ii) Il-konvenut huwa proprjetarju ta’ bicca raba fl-istess inhawi li wkoll tikkonfina ma’ din l-istess entrata u li hija mifruda minn dan l-isqaq minn hajt tas-sejjieh;

iii) Fil-bidu ta’ Novembru 2005, il-konvenut intlemah fl-inhawi ta’ dan ir-raba u sussegwentement l-attur induna li kienu tnehhew xi gebel mill-hajt tas-sejjieh. L-attur ikkonkluda li dan l-agir sar mill-konvenut sabiex jipprova jiftah access mir-raba tieghu ghal dan l-isqaq;

iv) Min-naha tieghu, il-konvenut isostni li huwa ma nehha ebda parti ta’ dan il-hajt tas-sejjieh u li dejjem kien hemm bicca minn dan il-hajt aktar baxxa sabiex hu jkun jista’ jghaddi minn dan l-isqaq ghar-raba tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

5. Fir-realta`, l-uniku aggravju tal-attur jirrigwarda d-decizjoni tal-ewwel Qorti li stante li ma giex ippruvat li kien il-konvenut li beda jhott parti minn dan il-hajt tas-sejjieh, ma kienx hemm allura bizzejjed provi li kien fil-fatt il-konvenut appellat li kkommetta l-ispoll.

Ghalkemm huwa maghruf li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, hlief f'sitwazzjonijiet necessarji u gravi biex ma ssirx ingustizzja manifesta, il-Qorti xorta wahda ghandha tgharbel sew il-provi u x-xhieda prodotta quddiem l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

6. Din il-Qorti ezaminat akkuratament kemm l-affidavits tal-attur u tal-konvenut u kemm ukoll ix-xhieda li taw in kontro-ezami u dak li jirrizulta huwa li minbarra l-fatt li hadd mix-xhieda prodotti - lanqas l-attur appellant - ma ra lill-konvenut iwaqqa' dan il-hajt, il-konvenut kemm fl-affidavit kif ukoll in kontro-ezami dejjem cahad li kien hu li nehha dan il-gebel mill-hajt tas-sejjieh. L-attur appellant fl-affidavit tieghu a fol. 24 jghid:

*"Darba minnhom kont niezel ghall-imhazen tieghi kmieni filghodu li ghandi ftit passi l-isfel mill-entrata fl-istess triq u kont ilmaht lill-konvenut hiereg mghaggel mill-entrata u bhal mahrub. Aktar tard dakinhar kien gibidli l-attenzjoni r-ragel tat-tifla, Louis Zammit, li kien sab xi gebel imwaqqa' minn fuq il-hajt tas-sejjieh. Jiena mohhi mar mal-ewwel fuq il-konvenut."*

In kontro-ezami, l-istess attur jerga jirrepeti l-istess hwejjeg u fil-fatt dan il-kontro-ezami huwa aktar iccentrat dwar l-isqaq u d-dritt ta' passagg milli fuq l-att spoljattiv *per se*. Min-naha l-ohra l-konvenut appellat, fl-affidavit tieghu a fol. 105 jghid hekk,

*"Naghmilha cara li jiena ma hattejt l-ebda hajt tas-sejjiegh u lanqas ghamilt selha fil-hajt kif qieghed jallega l-attur fil-konfront tieghi f'din ic-citazzjoni."*

Dan kollu gie anke kkonfermat mill-appellat in kontro-ezami. Mhux hekk biss izda huwa esebixxa ittra mmarkata Dok. CM 1, li hija ittra li kienet intbaghtet mill-avukat

tieghu (l-avukat Carmelo Galea), fejn wara li l-konvenut kien intebah b'dak li gara fil-hajt, kien interpella lill-attur sabiex ma jkomplix b'dan l-agir tieghu.

Ghandu jinghad ukoll li hadd mix-xhieda prodotti mill-attur appellant ma qal li ra lill-konvenut ihott dan il-hajt. L-uniku xhud li jikkonferma l-verzjoni tal-attur huwa Louis Zammit li jigi r-ragel tat-tifla tal-attur li jghid li kien ra lill-konvenut f'dawk l-inhawi meta kien induna li kien waqa bicca mill-hajt. Izda hadd qatt ma ra lill-konvenut jaghmel dan l-att ta' rimozzjoni ta' gebel.

7. Ghalhekk a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti qeghda taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li jezistu dubbji serji jekk l-att spoljattiv giex verament kommess mill-konvenut appellat. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qal l-appellant fl-appell tieghu li kien hemm bizzejjed indizji cari biex l-ewwel Qorti ma tibqax fi stat ta' perplessita` dwar min ikkommetta l-ispoll. Dawn id-dubji jezistu anke ghal din il-Qorti u ghalhekk meta l-attur ma rnexxilux jipprova li l-att reklamat bhala spoljattiv twettaq mill-konvenut (jew fuq struzzjonijiet tieghu) u dan ukoll ghax hemm zewg verzjonijiet konfliggenti da parti tal-partijiet, il-Qorti ghandha tiddeciedi favur l-imharrek – *actore non probante reus absolvitur*.

Ghalhekk l-ewwel u l-uniku aggravju tal-attur qed jigi michud ghaliex huwa nfondat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------